**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 127/2023**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Francesca Zammit**

***-ommissis-***

Illum il-11 ta' Gunju 2024

Il Qorti:

Lil Francesca Zammit Francesca Zammit ta' 19-il sena, imwielda l-Pieta`, nhar it-8 ta' Ottubru 2003; bint: Frank u Charmaine xebba Spiteri, residenti : Theotokos, Triq il-Gdida, Luqa u detentrici tal-karta tal-identita` 375003L

Nakkuzahom talli nhar l-14 ta' Dicembru 2020 ghall-habta tal-10:00 ta' billejl gewwa komun ta' garaxxijiet fi Triq l-Ghabex, Birkirkara:

Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Thomas Jackson f' periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu u dan ai termini tal-artikoli 216 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Thomas Jackson billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-ewwel udjenza ta' nhar l-1 ta' Awwissu 2023 l-imputata b'mod volontarju ghazlet li tirregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha u wissietha solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja taghha u tikkonsidra t-twegiba taghha u, jekk ikun il-kaz, terga' lura minnha.

Rat li l-imputata regghet tenniet u kkonfermat l-ammissjoni inkondizzjonata taghha.[1]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputata il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputata.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

[1] Folio 42-43 ta' l-atti processwali

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2023.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha waqt is-seduta ta' l-1 ta' Awwissu 2023 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibha hatja tar-reati addebitati lilha u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata minn din il-Qorti, tqis, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputata li hija netta.[2]
- L-imputata irregistrat ammisssjoni fl-iktar stadju bikri li setghet u dan qabel ma tressqu ebda provi tal-prosekuzzjoni jew din il-Qorti kellha izzomm diversi seduti. Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[4], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[5] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[6]

[2]Folio 7 ta' l-atti processwali
[3] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[4] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[5] Thomson Reuteurs, S-29
[6] Blackstone Press Limited – 2006 edition

Ghaldaqstant jista jigi ikkunsidrat li l-ammissjoni saret fi stadju bikri u din sejra tigi kkunsidrata fil-piena.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.
- Illi jirrizulta li l-imputata ikkooperat mal-pulizija tul l-investigazzjoni.
- Illi jirrizulta li l-imputata ghandha problema akuta ta' droga li hakkmitilha hajjitha u spiccat tirrikorri ghal-kriminalita. Illi saru diversi tentattivi sabiex tiehu l-ghajnuna necessarja sabiex b'hekk f'kas li jinghatalha Ordni ta' Probation tkun tiprometti li tkun tista isegwi dawn l-ordnijiet.
- Tul dan il-process sabet hafna ghajnuna u sapport minn ghand l-ufficjal tal-probation Rhona Borg Custo u mil-clinical practioner Sarah Sciberras. Il-Qorti ma tistax ma tfahharhomx ta' xogholhom u l-ghalmu taghhom ma l-imputata. Illi apparti l-professjonalita kbira taghhom, ghamlu hafna sforzi maghha u mxew b'hafna pacenzja u rieda sabiex jaghtuha l-ghajnuna li setghu. Il-Qorti ma tistax ma tirrikmarkax kemm ghandu ikun rispettat u onerat ix-xoghol ta' l-Ufficjali tal-Probation kif ukoll tal-professjonisti li jaghtu s-sapport lill-imputati mahkuma mid-droga. Illi dawn l-ufficjali iservu ta' sostenn kbir u gwida sabiex jassistu lill-imputati jaqbdu direzzjoni tajba li taqbadhom fit-triq sabiex jintegraw fis-socjeta b'mod produttiv u drabi anke isalvalhom hajjithom.
- Illi l-imputata sabet sapport kbir ukoll minn ghand missierha li attenda kull seduta maghha u ghamel minn kollox sabiex jghinnha sal-punt li anke kien qieghed ihallsilha sabiex tghix gewwa lukanda sabiex isalva milli tghix man-nies li kienu qed ikunu ta' influenza hazina u sabiex ma tispiccax fit-triq. Il-Qorti ma tistax ukoll ma tfahharx l-ghalmu kbir u kostanti li ghamel missierha maggha li kien qieghed jaghmel minn kollox sabiex jghinnha u jakkwistilha kull ghajnuna possibli u dan minkejja li

rrid ukoll ilahhaq mal-kumplament tal-familja tieghu. Il-Qorti semghet u qiset ix-xhieda tieghu fl-udjenza tad-9 ta' April 2024 fejn setghet tifhem ic-cirkostanzi ta' l-imputata minn lenti personali kif ukoll setghet tapprezza kemm ibaghtu l-ġenituri u l-familja meta d-droga tippenetra l-hajja ta' xi hadd.

- Tul is-smiegh ta' din il-kawza, irrizulta li l-imputata minkejja diversi dikjarazzjonijiet u attentati minnha uriet xewqa li tiehu l-ghajnuna sabiex teghleb il-vizzju tad-droga. Madankollu ma kienitx lest li tiehu l-ghajnuna mehtiega u damet sabiex wasslet f'posizzjoni fejn ghandha r-rieda tindirrza serjament il-problema tad-droga li ghandha. Illi l-imputata kellha opportunitajiet sabiex tattendi ghal programmi ta' riabilitazzjoni tad-droga u fl-ahhar gimghat bdiet programm residenzjali tad-droga li baqghet fih.

- Illi l-partijiet kienu disposti li jaghmlu rakkomandazzjoni ta' Ordni ta' Probation sabiex l-imputata telgheb il-vizzju tad-droga. Illi legalment din hija piena proponibbli u li tista tigi ikkunsidrata minn din il-Qorti.

- Illi fl-ahhar l-udjenza s-Supretendent Jonathan Ransley talab lil din il-Qorti sabiex tiskarta dak is-suggeriment originali u taghti piena karcerarja ghaliex fil-mori tad-differiment ma kienx qed jirnexxilha izzomm ir-rieda sabiex taghmel riabilitazzjoni b'success.

- Illi huwa minnu li l-imputat li hija ta' eta' tenera hafna u giet esposta ghal-hajja li ma jixraqiliex kienet ghal-bidu qeda issibha iebsa taghmel din il-bidla. In fatti din il-kawza instemghet diversi drabi sabiex jigi accertat jekk l-imputata hiex kapaci toqghod ghal-Ordni ta' Probation.

- Illi filwaqt kien hemm istanzi fejn l-imputata kienet qed issibha iebsa titlaq mill-hajja li kellha, irrizulta li l-imputata fuq medda ta' zmien

irnexxilha taccetta li trid thallih dik il-hajja warajha u irnexxilha tibda programm residenzjali li baqghet fih sall-lum.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputata izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

- Il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li Ordni ta' Probation hija proponibbli u li ghandha tkun il-piena idoneja f'dan il-kaz halli l-imputat ikun jirnexxilha tirabilita ruhu u tintegra lura fis-socjeta b'mod produttiv u ta' sostenn ghaliha.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216, 412C, 382A u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Francesca Zammit fuq ammissjoni taghha stess, **hatja** ta' l-imputazzjoni dedotta kontriha.

Illi in kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-

istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputata li il-hatja titqieghed taht Ordni ta' Probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hatja taht **Ordni ta' Probation** ghall-perjodu ta' **tlett (3)** snin millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hatja titqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza.

Il-hatja tiddikjara li taqbel ma' tali ordni. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputata u li permezz tiegħu hi tkun tista' tiġi mgħejjuna tegħleb diffikutajiet li hija tidher għaddeja minnhom minħabba diversi abbużi. Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħatja taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' **tlett (3)**

**snin** millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tagħha naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li hija ma toqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hatja a favur ta' Thomas Jackson ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar il-11 ta' Gunju 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**